**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ 25/2016**

**GH u SH**

**bin-numri tal-karta tal-identita`**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C 26761)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2016, fejn l-ilmentaturi qed jilmentaw li l-investiment tagħhom ta' €15,000 li kellhom mal-Crystal Finance Investments Ltd. niżel fil-valur għal €8,591.25.

Il-*Financial Advisor* staqsihom jekk iridux jibdlu f'*bond* ieħor imma m'aċċettawx għaliex ma ġewx assigurati li jieħdu s-somma sħiħa meta jimmatura, u ngħataw is-somma ta' €8591.25.

L-ilmentaturi qed iħossuhom li ġew ingannati għax kienu ħasbu li se jieħdu s-somma sħiħa meta jimmatura l-*bond*.

L-ilmentaturi jippretendu d-differenza ta' €6,408.75, l-ammont ta' telf fuq dan l-investiment.

**Risposta tal-Provditur:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew għal ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artiklu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bħala '*Dok CFI1")* liema artiklu jispeċifika bl-aktar mod ċar illi *'This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts*' u għalhekk l-Arbitru għandu jiddeċiedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipproċedi bis-smiegħ u deċiżjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment.

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, is-Soċjeta` Esponenti teċċepixxi in-nullita` tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu iffaċċjata bl-ilment kif ġie redatt, is-Soċjeta` Esponenti ma tistax tressaq difiża adegwata billi mill-istess Ilment ma jirriżultax/jirriżultawx in-nuqqas/ijiet tas-Soċjeta` Esponenti li jagħtu lok għall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiż minnu. Fiċ-ċirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Soċjeta` Esponenti tagħraf il-bażi tal-istess Ilment (u allura l-eċċezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputat tagħha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni għad-danni allegati li fi kwalunkwe każ huma r-riżultat ta' fatturi totalment estranei għas-Soċjeta` Esponenti. Sempliċement, mhuwiex ċar x'eżattament suppost li għamlet ħażin Crystal Finance Investments Limited;

3. Illi wkoll preliminarjament, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, l-azzjoni kontra is-Soċjeta` Esponenti waqgħet bil-preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi kwalsiasi forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali li setgħet seħħet bejn il-partijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet jekk qatt kienu jeżistu tali relazzjonijiet diretti, seħħew f'perijodu illi minn dak il-perijodu sal-lum id-dritt tal-azzjoni ddekada;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-atturi huma għal kollox fiergħa u nfondati fil-att u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għaliex f'kull waqt is-Soċjeta` Esponenti aġġixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-ogħla livell ta' diliġenza mistennija fil-liġi, kif jista', jekk ikun hemm il-ħtieġa, jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ ta' dan il-każ;

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-atturi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Ilment ma huwiex ġustifikat inkwantu huwa ċar ukoll li:

    a) Kwalunkwe telf li ġarrbu s-Sinjuri GH u SH huwa primarjament riżultat ta' *Credit Risk*, riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* bħal dak li fihom investew l-awturi u liema bond kien, fil-ħin meta ngħata l-parir lill-atturi, jgħodd jew *suitable* għalihom; u

    b) Għalkemm il-konjugi GH u SH qegħdin jilmentaw li tilfu xi flus fuq żewġ investimenti (ċioe` il-*bonds* 9.5% Edcon (Proprietary) Ltd 2018 u 8.5%-9.12% Rickmers Holding GmbH 2018 li kienu inklużi fil-BP211 2018) ma jsemmux li l-atturi ilhom jinvestu f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena elfejn u tmienja (2008) sal-lum u konvenjentement ma jsemmux ukoll li jekk wieħed iqis l-investimenti kollha tal-atturi tal-istess tip (inkluż id-dħul minnhom, jew *coupons*) li saru tramite s-servizzi tas-Soċjeta` Konvenuta l-atturi għamlu sa issa qligħ ta' iżjed minn EUR24,000, u dan saħansitra wara li jitnaqqas it-telf fuq investimenti bħall-*bonds de quo* li naqsu fil-valur.

7. Illi fl-aħħarnett jingħad illi s-Soċjeta` Esponenti ma tħossx illi hemm rimedju għall-Ilment kif imessaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex ġustifikat.

**Sema' x-xhieda**

**Ra n-noti sottomessi mill-partijiet**

**Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-każ**

**Jikkonsidra:**

**Eċċezzjoniji dwar ġursidizzjoni tal-Arbitru**

L-Arbitru qed jiddeċiedi li jiċħad din l-eċċezzjoni u jiddeċiedi li jieħu konjizzjoni tal-każ għal dawn ir-raġunijiet:

Din l-eċċezzjoni hija ibbażata fuq it-*Terms of Business Agreement*[1] b'referenza għall-Klawsola 17 intestata '*Governing Law'.*

B'mod konvenjenti, il-provditur jonqos milli jsemmi l-Klawsola 16 fl-istess dokument li tipprovdi li l-provditur kellu jqis kull ilment mill-klijent b'mod raġonevoli u ġust u, jekk ma jkunx sodisfatt, jista' jieħu l-ilment tiegħu quddiem l-MFSA. Din kienet referenza għall-*Consumers Complaint Unit (CCU)* tal-MFSA li bhalma hu l-Uffiċċju tal-Arbitru, kienet proċedura ADR.[2] Mad-dħul fis-seħħ tal-KAP. 555 li waqqaf l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, is-CCU beda jirreferi lill-klijenti li javviċinawh biex jieħdu l-każ tagħhom quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Għalhekk, l-ilmentaturi ma kellhomx triq oħra ħlief li jġibu l-każ tagħhom quddiem l-Arbitru, li ħa post dik l-entita` li kienet immexxija mill-MFSA.

Barra minn hekk, meta ġiet redatta l-klawsola in kwistjoni, li barra li rreferiet għall-kompetenza tal-Qrati Maltin u għall-MFSA *(Consumers Complaints Unit*)[3], il-Kapitolu 555 kien għadu ma ġiex fis-seħħ u, konsegwentement, il-*forum* tal-Arbitru finanzjarju kien għadu mhux kostitwit. Għalhekk ma setax ikun eskluż.

Fil-ġurisprudenza tagħna ġie osservat fil-kawża fl-ismijiet "Edgar Cuschieri -vs- Perit Gustavo R. Vincenti", Appell Ċivili, 13 ta' Frar 1950, illi "*meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar,* ***jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta*** *u li hemm bżonn tiġi maqtugħa, allura l-Qrati jkunu obbligati*

[1] A fol 33 et seq
[2] Entita` Alternative Dispute Resolution li twaqqfu fl-Ewropa u anke f'kontinenti oħra biex jissostitwixxu l-Qrati Ordinarji
[3] Għax kien dan il-Unit li l-MFSA kienet tuża biex tisma' każi tal-konsumturi

*jinterpretaw il-konvenzjoni; u din għandha tiġi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."*[4]

Wara l-konklużjoni tat-*Terms of Business Agreement,* il-leġislatur ħaseb biex jipprovdi dan il-forum speċjalizzat biex jiddisponi aħjar minn ċerti tilwimiet fis-settur finanzjarju. Għalkemm il-kompetenza tal-Qrati ma ġietx eskluża, u l-Arbitru għandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni preżunta tal-ilmentaturi dwar din l-okkorrenza, li seħħet wara l-kuntratt ta' bejniethom, hi li huma jaqblu li jipprevalixxu ruħhom minn din l-għodda proċedurali iktar idoneja mill-Qrati ipprovduta mil-leġislatur.

Iżda l-aktar ħaġa evidenti li dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni jisma' dan il-każ hija l-ittra li l-provditur tas-servizz bagħat lill-ilmentaturi fit-30 t'Awwissu, 2016[5], fejn ingħad lilhom: **'Ninfurmawkom li tistgħu tirreferu l-każ lill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Office of the Arbiter for Financial Services).'**

Huwa inkonċepibbli kif il-provditur tas-servizz l-ewwel ikun hu stess li jibgħat lill-klijent quddiem l-Arbitru, imbagħad jgħid li l-Arbitru m'għandux ġurisdizzjoni jisma' l-każ.

Għal dawn il-mottivi din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda u l-Arbitru qed jieħu konjizzjoni tal-każ.

**L-Eċċezzjoni dwar nullita`**

Il-provditur jgħid li dan l-ilment huwa null peress li kif redatt ma jagħtix stampa ċara ta' x'qed jitlob u għalhekk ma jistax jiddefendi ruħu. Dan m'huwiex il-każ għaliex it-talba tal-ilmentaturi hija waħda ċara, u tant hu hekk, li l-provditur għamel risposta dettaljata li ndirizzat eżattament l-ilment li għamlu l-ilmentaturi.

L-Arbitru jagħmel referenza għall-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 555 fejn jingħad:

[4] Paul Camilleri vs Joseph Glanville – Prim'Awla – Imħallef Philip Sciberras – 28.04.2003
[5] A fol 48

**22.** *(1) Persuna li tkun qed tagħmel l-ilment għandha tressaq ilment quddiem l-Arbitru bil-miktub fejn tidentifika l-parti li kontriha jkun sar l-ilment, ir-raġunijiet għall-ilment, u r-rimedju li jkun qed jintalab.*

L-ilment *de quo* jissodisfa dan kollu.

Apparti dan, il-Kapitolu 555 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi proċedura informali fejn is-sustanza tipprevala fuq formalitajiet żejda li, ħafna drabi, jwasslu għal inġustizzji.

Għalhekk din l-eċċezzjoni hija pjuttost frivola u qed tiġi miċħuda.

**L-Eċċezzjoni dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jeċċepixxi l-preskrizzjoni 'ai termini tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta …. f'perjodu illi minn dak il-perjodu sal-lum id-dritt tal-azzjoni iddekada'[6].

Fil-fehma tal-Arbitru din l-eċċezzjoni hija waħda pjuttost vaga, pero`, fin-nota ta' osservazzjonijiet jagħmlu referenza għall-Artikolu '2156', u jgħidu li d-data mindu għandha tgħodd il-preskrizzjoni għandha tkun mis-sena 2008, meta bdiet ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz.

Din l-eċċezzjoni qatt ma tista' tkun sostenibbli għaliex l-investiment li qed isir l-ilment dwaru kien għadu lanqas biss sar f'dik id-data. L-investiment li qed isir l-ilment dwaru sar fil-25 ta' Gunju, 2014[7], u l-ilmentatur induna li l-investiment beda nieżel fl-2016.[8]

Dwar il-preskrizzjoni il-Qrati tagħna, a bażi tal-Kodiċi Ċivili, stabbilew diversi prinċipji fosthom:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe**,[9]

*"Hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir*

---

[6] Ara it-tielet eċċezzjoni a fol 28
[7] Ara Confirmation of Purchase Note a fol 11 tal-proċess
[8] Xhieda tal-ilmentatur a fol 56
[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003:

*minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq."*

2. Hu stabbilit fil-ġurisprudenza illi min iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġlu jipprova l-perkors taż-żmien statutorju.[10]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru, 1987, fil-kawża "Causon vs Sheibani noe" illi:-**

***"Min jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagħmel prova sodisfaċenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri għaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".***

3. Huwa prinċipju tad-dritt illi l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti dubbju dwar l-applikabilita` taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min jeċċepixxi l-preskrizzjoni.[11]

Barra minn hekk, il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta min jipproponi każ, ikun jista' jeżerċita dik l-azzjoni;

***Dan joħroġ ċar mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li: 'Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

F'dan il-każ, mhux biss li l-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova l-preskrizzjoni, imma mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilmentatur seta' jieħu azzjoni meta nduna li l-investiment tiegħu kien sejjer ħażin fl-2016, u għalhekk żgur li l-perjodu preskrittiv li japplika għal dan il-każ, jiġifieri dak li japplika għal transazzjonijiet kummerċjali naxxenti minn kuntratt imsemmi fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, għadu ma skadiex.

Għal dawn il-mottivi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda tiġi miċhuda.

---

[10] Holland noe vs Chetcuti , QA, – 25 ta` Frar, 2000)
[11] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004

**Il-Mertu**

Dan huwa każ fejn l-ilmentaturi qed jilmentaw dwar l-investiment li kienu għamlu permezz tas-servizzi mogħtija lilhom mill-provditur tas-servizz u, ċioe` dwar il-*bond portfolio BP 211,* u l-ilmentaturi jgħidu li t-telf li ġarrbu minnu kien ta' sitt elef, erba' mija u tmien Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€6,408.75).

Ir-relazzjoni tal-ilmentaturi ma' Crystal Finance Investments Ltd. (CFI) tmur lura għas-sena 2008, meta dawn investew l-ammont ta' €74,500, liema ammont kien ingħata lis-Sur GH meta dan irtira mill-impjieg li hu kellu bħala messaġġier mal-Bank of Valletta plc. Bejn l-2008 u l-2014, is-sena ta' meta ġie mibjugħ il-prodott li dwaru qed jitressaq l-ilment, is-Sinjuri GH u SH ġew offruti diversi *bond portfolios*, fejn hekk kif rifless fl-ittra datata 30 t'Awwissu, 2016, mibgħuta minn CFI lill-ilmentaturi, u anke a bażi tad-dokumenti provduti, ma ġie soffert l-ebda telf tal-kapital investit ħlief għal ammont ta' ftit aktar minn mitt Ewro fuq investiment partikolari.

L-investiment li dwaru ġie mressaq dan l-ilment huwa l-**BP 211 5% EUR High Yield Bond Portfolio 9th July 2018.** L-ammont investit kien ta' €15,000, li skont il-kontenut tal-*Client Review Form*, dan l-ammont kien parti mill-ammont rikavat ta' €61,000 minn investiment preċedenti. Dan il-*bond portfolio* kien jikkonsisti: 9.5% Regd. Notes: Edcon (Proprietary) Ltd. 2018; 8.875%: Rickmers Holding GmbH & Cie KG 2018; 5.875% Notes: Republic of Croatia 2018; 6.625% Guaranteed Notes: Fiat Finance & Trade Ltd. 2018.

Mid-dokumenti esebiti f'dan il-każ jidher biċ-ċar li l-ilmentaturi għamlu diversi transazzjonjiet ta' investimenti mal-provditur tas-servizzi finanzjarji odjern u l-qligħ minn dawn l-istess transazzjonijiet huma evidenti. Fil-fatt, bejn is-sena 2008 u s-sena 2016, il-qligħ nett minn fuq dawn it-transazzjonijiet ammonta għal €24,302.93. Il-provditur tas-servizz jisħaq li l-kupuni li s-Sinjuri GH u SH irċevew tul is-snin jammontaw għal €30,825.51,[12] liema somma qatt ma ġiet miċħuda mill-ilmentaturi.

Fil-fatt, meta ġie mistoqsi jekk kienx jieħu imgħax fuq l-investimenti tiegħu, is-Sur GH qal li kien jieħu imgħax fuq l-investimenti tiegħu u ma kkontestax l-ammonti ta' kupuni li kien ħa.[13] L-ilmentaturi irċevew id-dokument, a fol 48 tal-

[12] Ittra tat-30 t'Awwissu 2016 mill-provditur lill-ilmentaturi a fol 48

[13] A fol 57

proċess, li juri l-ammonti li kienu qalgħu minn fuq l-investimenti, u dan qabel is-seduta tal-4 t'Ottubru, 2016. Meta xehedu f'din is-seduta, fl-ebda ħin ma ċaħdu dan id-dħul fuq l-investimenti tagħhom.

Dan minbarra l-fatt ukoll li, hekk kif intqal fix-xhieda tagħhom, l-ilmentaturi indikaw li huma għandhom investimenti ma' kumpaniji oħrajn li anke jammontaw għal €15,000, iżda ma qalux fejn u meta.

Għaldaqstant, meta wieħed jikkunsidra l-fatt li l-ilmentaturi kien ilhom jinvestu fi prodotti simili għal dak li qed jagħmlu ilment dwaru sa mill-2008, u l-fatt li kienu investew ma' kumpanija oħra tal-investiment , ma tantx jista' jiġi ddubitat il-fatt jekk is-Sinjuri GH u SH kienux jafu f'hiex kienu qed jinvestu.

Dan jista' anke jiġi ikkonfermat waqt li s-Sur GH ġie mistoqsi jekk kienux isiru tibdiliet bl-ammonti investiti fi prodotti oħrajn li kienu jiġu suġġeriti minn CFI, u hu wieġeb fl-affermattiv. Dan huwa rifless anke f'dak li hu elenkat fl-ittra datata 30 t'Awwissu, 2016, li għaliha saret referenza aktar kmieni, fejn juri li mhux l-investimenti kollha offruti ġew miżmuma sad-data tal-maturità mill-ilmentaturi.

**Pero` l-ilment huwa wieħed speċifiku dwar l-investiment BP 211 u l-Arbitru dan li għandu janalizza.**

Jista' jiġi osservat meta wieħed janalizza l-BP 211, li għalkemm is-Sinjuri GH u SH investew f'diversi *bond portfolios*, kien biss f'dan il-każ li l-*bonds* sottostanti kienu **kollha *non-investment grade*,** fejn f'*portfolios* oħrajn, fil-maġġoranza tagħhom, il-*bonds* sottostanti kienu jvarjaw bejn *investment* u *non-investment grade*.

Barra minn hekk, ta' min jinnota wkoll il-fatt li, fil-*bond portfolios* preċedenti, ir-rati tal-*bonds* sottostanti kienu jvarjaw bejn l-4% u s-7%, kuntrarjament għar-rati fuq il-*bonds* sottostanti ta' dan il-fond, li jilħqu anke d-**9.5%.** Mingħajr ma jiġu ikkunsidrati indikaturi oħrajn ta' riskju tal-investiment, il-kupun fuq il-*bonds* sottostanti huwa diġa` indikazzjoni tar-riskju abbinat mal-investiment in kwistjoni, u għalhekk jista' jiġi determinat li il-BP 211 kien iktar riskjuż minn *bond portfolios* preċedenti.

Pero` l-ilmentaturi ma kienux ġodda għas-suq tal-*bonds*.

F'dan il-każ, l-andament ta' dan il-fond ma kienx kif mistenni. Iż-żewġ *bonds* sottostanti li wasslu għal telf fuq l-investiment kienu l-Edcon u r-Rickmers. Fil-fatt, *Valuation Statements* disponibbli juru li l-valur ta' dan l-investiment, partikolarment il-valur ta' dawn il-*bonds* sottostanti, kien nieżel.

Li jista' wkoll jingħad huwa l-fatt li għalkemm, hekk kif tennew l-ilmentaturi, huma ngħataw il-parir li jbiegħu dan il-portafoll f'Ġunju 2016, f'Jannar tal-istess sena, l-Edcon kien diġa` laħaq il-50.05, filwaqt li r-Rickmers, mill-aħħar ta' Jannar 2016, qatt ma reġa' eċċeda s-70.00.

L-Arbitru jħoss li kellu jsir il-*monitoring* adekwat minn Crystal Finance Investments Ltd. sabiex jittieħdu l-miżuri neċessarji fil-ħin li setgħu iwasslu għal ammont inqas ta' telf.

L-investimenti bdew nieżlin minn Jannar 2016, u kien sitt xhur wara li l-provditur tas-servizz taw parir biex isir investiment f'xi *growth fund* biex l-ilmentaturi jippruvaw jirkupraw ta' lanqas parti mit-telf.

Għalhekk il-provditur ta' servizz għandu jsofri parti mit-telf li ġarrbu l-ilmentaturi.

Fil-kuntest ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jagħti ġudizzju fuq l-ilment fuq dak li, fil-fehma tiegħu, ikun **ġust, ekwu u raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.**

L-Arbitru hu tal-fehma li l-ilmentaturi kienu jafu f'hiex kienu qed jinvestu u għalhekk ma jaċċettax il-verżjoni tagħhom, li għal tmien snin sħaħ kellhom fiduċja għamja fl-*advisor* tagħhom, u qatt ma kienu jistaqsu xejn.

L-Arbitru jinnota li b'mod ġenerali l-provditur kien ta servizz tajjeb lill-investituri li, fil-fatt, kienu għamlu qligħ sostanzjali matul is-snin, imma dan waħdu ma jfissirx li huma għandhom ikunu meħlusa minn kull responsabbilta`.

Il-BP211 kien investiment maħluq mill-CFI u għalhekk kellu jsegwi sew l-andament ta' dan l-investiment. Mhux mistenni jagħmlu dan l-ilmentaturi li m'għandhomx l-*expertise* li għandu l-provditur tas-servizz.

Fil-każ partikolari ta' dan l-investiment u, ċioe` l-BP211, il-provditur tas-servizz finanzjarju ma nfurmax mill-ewwel lill-ilmentaturi meta l-investiment beda nieżel u għalhekk, f'dan ir-rigward, ma weriex dik id-diliġenza mistennija li toħroġ mir-rabta kuntrattwali u fiduċjarja ta' bejn il-partijiet, u ta' dan il-provditur għandu jġorr parti mit-telf li sofrew l-ilmentaturi.

**DECIDE**

Għal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jilqa' l-ilment *in parte* u jikkundanna lill-provditur tas-servizzi finanzjarji u, ċioe`, lil Crystal Finance Investments Ltd. tħallas kumpens ta' tlett elef Ewro (€3,000) lill-ilmentaturi b'imgħax ta' ħamsa fil-mija fis-sena mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Dwar spejjeż ta' dan il-każ, kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż tagħha.

Dr Reno Borg
Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji